MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 190/2005

**HSBC BANK (Malta) p.l.c**

**vs**

**Joseph WALKER**

**Il-Qorti:**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni mressaq bil-proċedura sommarja speċjali fit-23 ta’ Frar, 2005 li bih is-soċjeta’ attriċi wara li ppremettiet:

Illi l-konvenut huwa debitur tas-soċjeta’ attriċi fl-ammont ta’ sitt elef u lira Maltin u sebgħin ċenteżmu (Lm6001.70) rappreżentanti in kwantu għal Lm5821.32 kapital u Lm180.38 imgħax sal-24 ta’ Settembru 2004 rappreżentanti l-ammont dovut mill-konvenut skond skrittura privata datat 24 ta’ Marzu 2003 (Dok. A).

Illi għalkemm interpellati sabiex iħallas l-ammont dovut l-konvenut baqa' inadempjenti;

Illi dan id-debitu huwa ċert, likwidu u dovut a tenur ta' l-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-attur qiegħed jippreżenta ma' din iċ-ċitazzjoni affidavit ġuramentat skond l-istess artikolu (Dok. C).

Għaldaqstant is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti, għaliex m'għandiex għal dawn ir-raġunijiet premessi:

1. Tgħaddi biex tiddeċiedi l-kawża skond it-talba bid-dispensa tas-smiegħ ai termini ta' l-istess Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lil konvenut iħallas l-ammont ta' Lm6001.70 kif hawn fuq spjegat.

Bl-ispejjeż inklużi u bl-imgħax legali kontra l-konvenut li hu minn issa nġjunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-soċjeta' attriċi;

Rat illi ċ-ċitazzjoni ġiet debitament notifikata lill-konvenut bil-mezz tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni li naqas li jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet u hekk baqa' kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda tas-soċjeta' attriċi;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta' attriċi;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta pruvata.

Fil-kontumaċja tal-konvenut tiddeċiedi billi **tilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi** kif dedotta fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------